**7 ta' Lulju, 1997**

**Imhallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Grazio Spiteri**

***Dangerous Drugs Ordinance* - Nuqqas ta' Volonta' - Sokor - Multa**

*Kwalsiasi impuls, qawwi kemm hu qawwi, dovut ghall-krizi ta' astinenza biex wiehed jiehu d-droga, ma jikkwalifikax bhala forza* barranija ai termini *ta' l-artikolu 33 (b).*

*Kwantu ghall-artikolu 34 (4), persuna li jkollha l-vizzju tad-droga u li allura taf, jew messha ragonevolment tkun taf, li meta tkun fi stat ta' astinenza jkollha impulsi qawwija biex taghmel certi affarijiet - bhal takkwista d-droga, tamminstraha, jew tisraq biex tista' takkwista d-droga, ecc - u li ma taghmel xejn b'serjeta' u b'konsistenza meta ma tkunx fi krizi ta' astinenza biex tevita jew tipprevejeni tali krizi, tali persuna ma tistax tinvoka l-iskriminanti tan-nuqqas ta' intenzjoni minhabba li fil-mument tal-kommissjoni tal-fatt il-volonta' taghha kienet sopraffatta kompletament minhabba dik il-krizi. Tali persuna tkun qieghda sempliciment tanticipa l-kommissjoni da parti taghha stess ta' atti li jiksru l-ligi u tkun qed tpoggi lilha nnifsha volontarjament f'sitwazzjoni li tiffacilita l-kommissjoni ta' dawk ir-reati; b'mod ghalhekk li jista' jinghad li japplika analogikament il-principju* qui facit per alium facit per se. *U dan apparti li hu ferm dibattibbli kemm jista' jinghad li, fil-kaz konkret li jkun, il-persuna li tkun fi krizi ta' astinenza tkun priva* kompletament *mill-volonta' taghha (b'mod li wiehed jista' jghid li dik il-persuna* ma

*kelliex ghazla), jew jekk il-persuna setghetx, imqar jekk bi sforz, teghleb l-impuls intern u ma tikkommettix l-att li jammonta ghal reat. Dibattibbli ukoll hu il-punt jekk jistax jinghad li persuna li tkun qieghda fi krizi ta' astinenza hi fi stat ta' intossikazzjoni, ossia fi stat ta' sokor, minhabba d-droga, jew jekk l-istat ta' astinenza jammontax proprju ghall-oppost, ċjoe' ghal nuqqas ta' intossikazzjoni - Skond l-artikolu 28 (1) tal-Kodiċi Kriminali l-multa, peress li hi piena anqas gravi minn dik ta' priġunerija, ghandha tiġi skontata ("tibda ghaddejja") minnufih wara l-piena ta' priġunerija u mhux f'xi hin waqt dik il-piena.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Grazio Spiteri talli f'dawn il-Gżejjer fit-23 ta' Awissu, 1995 u fl-ahhar xhur qabel it-23 ta' Awissu, 1995 (1) kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina bi ksur tal-liġi, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-użu personali tieghu; (2) kellu fil-pussess tieghu r-raża mehuda mill-pjanta cannabis bi ksur ta' l-artikolu 8 (a) tal-Kap. 101, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-użu personali tieghu; (3) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew parti minnha, bi ksur ta' l-artikolu 8 (d) tal-Kap. 101, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-użu personali tieghu; (4) minghajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija żamm ghandu fil-fond "Roselenn Flats", No. 2, Dawret ix-Xatt, Xaghjra, arma tan-nar u munizzjoni; (5) fl-istess żmien ġie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon xort'ohra milli b'liċenzja u ma tax minnufih avviż taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija; (6) sar reċidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-14/5/90 u b'żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-23/4/92 u 1/2/93; u (7) nstab li kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu pistola tal-marka "Raven", kalibru 0.25, bin-numru tar-reġistrazzjoni 3025844 u 22 balla ta' l-istess kalibru li l-importazzjoni taghhom hija pprojbita jew

ristretta, valur totali Lm62.64, dazju Lm4.17, liema oġġetti huma ukoll suġġetti għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema dazju u VAT ma ġewx imħallsa jew ikkawtelati u dan bi ksur ta' l-artikoli 60 (a) (b) (ċ) (k) u 62 (a) (b) (ċ) (f) (ġ) (ħ) (i) (k) proviso (a) tal-Kap. 37 u d-disposizzjonijiet ta' l-Att XII ta' l-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Rat l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-14 ta' Diċembru, 1995 (fol. 161 ta' l-Atti) riferibbilment għall-akkużi taħt il-Kap. 101, sabiex dawk l-akkużi jiġu deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif ukoll ir-rinviju għall-ġudizzju ta' l-istess data, a rigward ta' l-akkużi l-oħra, magħmul skond l-artikolu 433 (5) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' Ġunju, 1996, li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Grazio Spiteri ħati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu b'dan pero' li għar-rigward tal-cannabis imsemmija fit-tieni u fit-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Qorti ma rriskontratx il-kwalifika li tali sustanza ma kinitx għall-użu personali (esklussiv) tiegħu, ikkundannatu għall-piena komplessiva ta' tliet snin priġunerija u multa ta' ħames mitt lira (Lm500) "li għandhom jiġu kkonvertiti fi tliet xhur priġunerija kemm-il darba s-somma ma titħallasx entro t-terminu tal-priġunerija tiegħu", ikkundannatu jallas ukoll lir-Reġistratur l-ispejjeż ta' l-esperti kollha nnominati, ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tas-sustanza narkotika kollha u l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu magħha b'opera ta' Dr. Anthony Abela Medici, bil-fakolta li janalizzaha qabel ma jiddistruġġiha, ordnat il-konfiska ta' kull oġġett imsemmi fir-relazzjoni ta' l-imsemmi Dr. Anthony Abela Medici, minn paġna 2 sa paġna 8 (tar-relazzjoni tiegħu) u ukoll id-dokumenti NH4 u NH5 inklużi l-arma u l-munizzjoni; u, fl-aħħarnett ordnat li jitnaqqas mill-perijodu ta' priġunerija inflitta "dak li l-imputa ġa' skonta kemm ilu preventivament arrestat";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Grazio Spiteri, minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju, 1996, li bih talab ir-revoka ta' l-*imsemmija* sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-14 ta' Marzu, 1997; ikkunsidrat:

L-appellant għandu erba' aggravji u dawn ser jiġu eżaminati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu, bażikament, li minħabba l-istat ta' intossikazzjoni li kien jinsab fih ma kellux jinstab ħati tat-reati. L-appellant *ma jikkontestax li bħala fatt hu* nstab fil-pussess ta' l-oġġetti in kwistjoni, iżda jgħid li minħabba li kien *heavy user* moħħu kien skjav ta' l-impulsi tal-*ġisem tiegħu li dejjem irid* aktar *droga* biex jevita *l-withdrawal symptoms*. Il-bran operattiv a rigward ta' dan l-aggravju huwa s-segwenti:

"Il-ġisem ikun irid aktar droga meta jkun qed jispiċċa l-effett tagħha. *Dan ifisser, f'termini mediċi*, li l-ġisem ikun qed jibgħat messaġġ lill-moħħ għal aktar droga. Il-moħħ f'dawn iċ-ċirkostanzi mhux wieħed li jkun qed jaħdem b'mod normali, iżda jispiċċa skjav *tal-ġisem li jrid id-droga biex ifiq u jevita l-*effetti ta' *withdrawal symptoms*";

B'mod indirett ħafna, u donnu mingħajr ma jrid jgħid espressament hekk, l-appellant qed jittanta xi forma ta' difiża taħt l-artikolu 34 tal-Kodiċi Kriminali jew, addirittura, id-difiża kkontemplata fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 33. Issa, bħala fatt, din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant kien mhux biss *heavy user* tal-kokaina u tal-cannabis, u kien anke ġieli jieħu l-eroina, iżda kien ukoll jixrob ħafna akohol. Meta l-pulizija daħlu fl-appartament fejn kien jinsab fit-23 ta' Awissu, 1995, hu kien fi stat ta' *intossikazzjoni* qawwija - "*imdamdam*" *fi kliem l-*appellant stess - tant li meta kien għadu fil-kustodja tal-pulizija

u qabel ma tressaq il-Qorti fil-25 ta' Awissu, hu ttieħed l-Isptar San Luqa fejn ġe eżaminat fiċ-ċentru tad-Detox mit-Tabib John Zammit Montebello (ara ċ-ċertifikat a fol. 187 u d-deposizzjoni a fol. 195-198). Dana t-tabib ippreskrivlu xi mediċini; pero` dan l-istess tabib xehed li hu ma rriskontra xejn anormali fl-appellant, ċjoe` xejn li ma kienx kompatibbli ma' l-istat ta' intossikazzjoni li kellu u fil-fatt l-appellant ma kellux bżonn jiġi rrikoverat l-isptar. Issa, is-sempliċi fatt li persuna tkun iddrogata, anzi fi stat ta' intossikazzjoni qawwija, ma jfissirx neċessarjament li tkun eżenti mir-responsabbilita` ta' penali, aktar u aktar meta l-akkuża hi waħda ta' pussess (f'dan il-każ ta' droga u ta' oġġetti oħra) li hu stat ta' fatt permanenti li normalment jippreċedi u jibqa' jissussisti anke wara l-*withdrawal symptoms* u l-konsum tad-droga li tkun. Ċertament l-appellant ma jistax jinvoka l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali: kwalsiasi impuls, qawwi kemm kien qawwi, dovut għall-kriżi ta' astinenza, biex jieħu d-droga ma jikkwalifikax bħala forza barranija. Lanqs f'dan il-każ ma hemm xejn x'jindika li huma applikabbli l-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 34: id-droga u l-alkohol ma kinux ġew issomministrati lilu "bl-għemil doluż jew negliġenti ta' persuna oħra", u anqas hemm xi prova li l-appellant kien f'xi ħin fi stat ta' ġenn. Kwantu għas-subartikolu (4) ta' l-imsemmi artikolu 34, persuna li jkollha l-vizzju tad-droga u li allura taf, jew messha raġonevolment tkun taf, li meta tkun fi stat ta' astinenza jkollha impulsi qawwija biex tagħmel ċerti affarijiet - bħal takkwista d-droga, tamministraha, jew tisraq biex tkun tista' takkwista d-droga, eċċ - u li ma tagħmel xejn b'serjeta` u b'konsistenza meta ma tkunx fi kriżi ta' astinenza biex tevita jew tipprevjeni tali kriżi, tali persuna ma tistax tinvoka l-iskriminanti tan-nuqqas ta' intenzjoni minħabba li fil-mument tal-kumissjoni da parti tagħha stess ta' atti li jiksru l-liġi u tkun qed tpoġġi lilha nnifsha volontarjament f'sitwazzjoni li tiffaċilita l-kommissjoni ta' dawk ir-reati; b'mod għalhekk li jista' jingħad li japplika analoġikament il-prinċipju *qui facit per*

*alium facit per se*. U dan apparti li hu ferm dibattibbli kemm jista' jinghad li, fil-każ konkret li jkun, il-persuna li tkun fi kriżi ta' astinenza tkun priva kompletament mill-volonta' taghha (b'mod li wiehed jista' jghid li dik il-persuna ma kellhiex ghażla), jew jekk dik il-persuna setghetx, imqar jekk bi sforz, teghleb l-impuls intern u ma tikkommettix l-att li jammonta ghal reat. Dibattibbli ukoll hu l-punt jekk jistax jinghad li persuna li tkun qieghda fi kriżi ta' astinenza hi fi stat ta' intossikazzjoni, ossia fi stat ta' sokor, minhabba d-droga, jew jekk l-istat ta' astinenza jammontax proprju ghall-oppost, ċjoe' ghal nuqqas ta' intossikazzjoni. Fil-każ in diżamina ma hemm xejn x'jindika li meta l-appellant akkwista l-cannabis u r-raża tal-cannabis, il-pistola u l-munizzjoni, kif ukoll il-kokaina hu kien b'xi mod priv mill-elementi kostituttivi ta' l-intenzjoni jew li qabel ma *akkwistahom ma antiċipax, jew ma setax raġonevolment* jantiċipa li fi stat ta' astinenza hu kien ser jaghmel affarijiet li jammontaw ghal reat. Ghalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint;

*Omissis*;

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta dwar il-piena. Tenut kont ta' l-ammont u tal-kwantita' ta' droga misjuba kif ukoll ta' l-anteċedenti ta' l-appellant, ma hemm ebda lok ta' varjazzjoni fil-piena. L-unika haġa li din il-Qorti thossha fid-dover li *tirrimarka* - *ghalkemm ma saret ebda referenza speċifika fuq* dan il-punt mill-appellant - hi dwar il-hlas tal-multa. L-Ewwel Qorti donnha qed tipprospetta li l-multa ta' hames mitt lira ghandha tithallas waqt li l-appellant ikun qed iservi l-piena ta' priġunerija. Dan mhux korrett. Skond l-artikolu 28 (1) tal-Kodiċi Kriminali il-multa, peress li hi piena anqas gravi minn dik ta' priġunerija, ghandha tiġi skontata ("tibda ghaddejja") minnufih wara *l-piena ta' priġunerija u mhux f'xi hin waqt dik* il-piena;

Għall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassaraha u tirrevokaha biss kwantu għall-kliem "kemm-il darba s-somma ma tithallasx entro t-terminu ta' prigunerija tiegħu", liema kliem qed jiġu sostitwiti bil-kliem "kemm-il darba s-somma ma tithallasx skond il-liġi" u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

---